# Jeqred il-mewt għal dejjem
# Adorazzjoni Ewkaristika
# Novembru 2023

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Kristu, int it-tama u l-maħfra,
il-qawmien u l-ħajja tagħna;
b'qalbna kollha lejk induru
meta l-ħsieb tal-mewt jifnina.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Int ukoll ġarrabt id-dwejjaq
u l-uġigħ tal-mewt qalila,
xħin mejjilt bil-ħlewwa rasek
u tajt ruħek lil Missierek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ragħaj ħanin, tassew ħadt fuqek
il-mard tagħna w tbatijietna,
u ressaqtna lejk biex miegħek
fi ħdan Alla nbatu u mmutu.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Fis-salib, dirgħajk miftuħa,
ġbidt l-imsejken u l-imnikket
lejn il-qalb minfuda tiegħek
ħa jsib fiha l-kenn u l-faraġ.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Int, li l-bieb għalaqt li jagħti
għat-telfien u ftaħt tas-sema,
kun hawnhekk il-faraġ tagħna,
kun il-ħajja wara mewtna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

U fuq ħutna wkoll, li raqdu
fil-mistrieħ u l-paċi tiegħek,
xerred l-hena u d-dawl ta' wiċċek,
biex jagħtuk tifħir għal dejjem. Amen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Ix-xahar ta' Novembru jibda billi jfakkarna fiż-żewġ faċċati tal-munita ta' tmiem ħajjet il-bniedem: Fuq in-naħa l-waħda għandna l-hena u l-glorja ta' "dak li għajn

qatt ma rat u widna qatt ma semgħet," u li Alla lesta għal dawk li jħobbuh (1 Kor 2, 9), permezz tas-Solennità tal-Qaddisin Kollha. Fuq in-naħa l-oħra għandna r-realtà konkreta u mill-iktar tanġibli tal-mewt, kemm tal-mewt ta' ħutna għeżież li ħajjithom fuq l-art intemmet u li għadhom qegħdin jistennew li jidħlu f'dan l-hena mwiegħed, permezz tat-Tifkira tal-Għid tal-Imwiet, u kif ukoll il-mewt bħala parti mill-kundizzjoni tagħna fid-dinja bħala bnedmin li l-ħajja tagħhom hija wkoll immarkata minn din ir-realtà li tlaqqagħna mad-dgħufija tagħna, mal-limitu taż-żmien u l-ispazju, mat-tmermir saħansitra ta' għadamna li jerġa' jagħmilna trab minn fejn bdejna. Fin-nofs ta' dan kollu, bejn il-mewt u l-glorja, isseħħ il-laqgħa ma' Ġesù, l-Imħallef ġust u ħanin, li llejla nġbarna madwaru biex nadurawh u li fil-mewt se narawh wiċċ imb wiċċ sabiex minn banda jiġġudikana u jsaffina bin-nirien ta' mħabbtu u mill-banda l-oħra jħaddanna f'dan l-hena bla tmiem miegħu fi ħdan il-Missier.

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Hekk kif ninsabu fil-preżenza reali ta' Kristu li għadda mill-mewt għall-ħajja u sar ħobż għalina, f'isimna, fil-qagħda tagħna bħala bnedmin immarkati mill-mewt, u wkoll f'isem ħutna li għadhom qed jistennew li jiltaqgħu mal-Mulej, ejjew nitolbu Salm 86 billi ngħidu flimkien ir-responsorju: *Agħtini widen, Mulej, u weġibni.*

Agħtini widen, Mulej, u weġibni,
għaliex jiena msejken u fqajjar.
Ħarisli ħajti, għax jiena twajjeb,
salva l-qaddej tiegħek, għax fik jittama. ***R/.***

Int Alla tiegħi, ħenn għalija, Sidi,
għax lilek ngħajjat il-ħin kollu.
Ferraħ ruħ il-qaddej tiegħek,
għax lejk, Sidi, jien nerfa' ruħi.
Għax int, Sidi, twajjeb u taħfer,
kollok tjieba għal kull min isejjaħlek. ***R/.***

Agħti widen, Mulej, għat-talba tiegħi,
isma' l-leħen tal-ilfiq tiegħi.
F'jum in-niket tiegħi nsejjaħlek,
għax inti żgur tweġibni. ***R/.***

Urini, Mulej, triqatek,
biex nimxi fis-sewwa tiegħek;
agħtini qalb waħda, biex ikolli l-biża' ta' ismek. ***R/.***

B’qalbi kollha niżżik ħajr, Mulej Alla tiegħi,
u nsebbaħ ismek għal dejjem.
Għax kbira hi t-tjieba tiegħek miegħi,
int ħlistni minn qiegħ l-imwiet. *R/.*

Int, Alla Sidi, ħanin u twajjeb,
iddum biex tagħdab, kollok tjieba u fedeltà.
Ħares lejja u ħenn għalija,
agħti qawwa lill-qaddej tiegħek,
salva l-iben tal-qaddejja tiegħek. *R/.*

Urini sinjal ta’ tjubitek,
ħa jaraw u jitħawdu l-għedewwa tiegħi;
għax int, Mulej, tgħinni u tfarraġni. *R/.*

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** (25, 6-9)
Jagħmel il-Mulej tal-eżerċti
għall-popli kollha fuq din il-muntanja,
mejda b’ikel fin, mejda bi nbejjed ħelwa,
b’laħam imsemmen bil-mudullun, u nbejjed fini.
U jċarrat minn fuq din il-muntanja
il-velu li kien jgħatti wiċċ il-popli kollha,
għata li kien jaħbi kollha kemm huma l-ġnus.
Jeqred il-mewt għal dejjem,
jixxotta Sidi l-Mulej id-dmugħ minn fuq kull wiċċ,
u jħassar l-għajb tal-poplu tiegħu minn wiċċ l-art kollha:
għax il-Mulej tkellem.
U dakinhar jgħidu: “Dan hu Alla tagħna:
fih ittamajna li jsalvana;
dan hu l-Mulej li fih ittamajna:
nifirħu u nithennew bis-salvazzjoni tiegħu.”

**Il-Kelma tal-Mulej**
*R/. Irroddu ħajr lil Alla*

Mulej, min jaf kemm-il darba smajna tinqara din is-silta f’xi funeral. U kemm-il darba wkoll smajna r-rakkonti tiegħek li tkattar il-ħobż u l-ħut sabiex titma’ l-ġmiegħi li ġew jisimgħuk fil-kampanja. Nafuhom ir-rakkonti tiegħek ta’ laqgħat ma’ persuni partikolari f’kuntest ta’ ikla—Żakkew, Mattew, Marta u Marija u Lazzru, il-mara midinba u Xmun il-Fariżew—u anke r-rakkont tal-aħħar ikla

tiegħek mat-Tnax qabel il-passjoni tiegħek. Huwa waqt din l-ikla li inti nnifsek, fid-dawl ta' din il-profezija ta' Isaija, tistqarr: "Ngħidilkom, li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dak inhar li nixrob inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri" (Mt 26, 29).

Mulej, bħalissa qiegħed hawn quddiemna, preżenti taħt l-ispeċi tal-ħobż, fejn bħal donnu l-presbiterju u l-altar isiru l-muntanja li fuqha inti tħejji mejda b'ikel fin u bi nbid ħelu. Dan nesperjenzawh b'mod iktar qawwi fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa fejn l-altar isir xbieha tal-Kalvarju tiegħek li jerġa' jsir preżenti u effettiv fostna mhux iktar bħala tortura mdemmija imma bħala ikel u xorb sabiex minnhom nieħdu sehem ħalli aħna wkoll ngħaddu kontinwament mill-istess passaġġ, mgħodija, mill-mewt għall-ħajja.

Imma dan il-passaġġ iseħħ l-ewwel u qabel kollox permezz tal-laqgħa miegħek wiċċ imb wiċċ, fejn in-nar li jaħraq u fl-istess ħin isalva huwa l-forn tal-qalb imqaddsa tiegħek stess, l-Imħallef u s-Salvatur tagħna (ara Benedittu XVI, Ittra Enċiklika fuq it-Tama Nisranija, *Spe Salvi* [30 ta' Novembru 2007], par. 47). Permezz ta' dan in-nar ta' mħabbtek inti taħraq dak li hu tiben niexef u ħuxlief tal-griebeġ li bnejna aħna, jinħaraq dak kollu li jżommna milli nagħrfuk fil-milja tiegħek, sakemm jifdal biss għarwiena quddiemek il-qalba tal-eżistenza tagħna u l-ġmiel tat-tajjeb bħal donnu djamanti jleqqu. F'dan in-nar jiġi xxuttat ukoll id-dmugħ tagħna u jitfejqu l-feriti li minn għajn ta' mrar u tbatija jsiru pjagi ta' mħabba u ta' grazzja, u hekk inkunu nistgħu tassew nifirħu u nithennew bis-salvazzjoni tiegħek għal dejjem, imħaddnin fit-tgħanniqa ta' mħabba bejnek u l-Missier fl-Ispirtu s-Santu.

## Innu Ewkaristiku

Mulej, fis-sagrifiċċju Ewkaristiku tal-quddiesa, aħna wkoll ta' kull darba, permezz tiegħek, niftakru u nfakkru lill-Missier f'ħutna l-mejtin, meta s-saċerdot jgħid: "Ftakar ukoll f'ħutna li raqdu bit-tama tal-qawmien; ftakar fil-mejtin kollha; daħħalhom quddiemek fid-dawl tas-sebħ tiegħek." U s-saċerdot jitlob anke ħniena għalina stess permezz tiegħek sabiex inti ssir l-ikel f'dan il-vjaġġ tagħna fuq l-art li jwassalna s-sema fejn il-Missier jagħti "lilna wkoll il-wirt tal-ħajja ta' dejjem flimkien mal-Verġni mqaddsa, Omm Alla, Marija, mal-Għarus tagħha San Ġużepp, mal-Appostli u l-Qaddisin kollha li għexu fil-ħbiberija tiegħek sa mill-bidu tad-dinja" (*It-Tieni Talba Ewkaristika*).

Għalhekk, Mulej, kif ninsabu quddiemek, isma' nitolbuk din is-supplika ħerqana tagħna mhux daqstant għalina nfusna llum daqskemm għal ħutna l-mejtin sabiex tfittex tagħtihom post fuq il-mejda tal-festa tat-tieġ tiegħek ta' dejjem biex hekk huma jkunu jistgħu jibdew jadurawk, Alla Wieħed, wiċċ imb wiċċ għal dejjem.

- Għarus Divin, wettaq il-Knisja, l-għarusa tiegħek, fil-mixja tagħha fuq l-art sakemm tiġbor lil uliedha kollha madwar il-mejda tiegħek fis-sema. Nitolbu.

- Prinċep tas-sliem, saffi permezz tal-paċi tiegħek lill-erwieħ ta' tant persuni li qed imutu vittmi tal-gwerra, tal-vjolenza, u tal-mibegħda. Nitolbu.
- Bin il-Missier, sieħeb maġenbek fuq il-mejda tal-festa tat-tieġ ta' dejjem lil ħutna li fuq l-art ġarrbu l-ġuħ, l-għatx, l-għera, u n-nuqqas ta' kenn adegwat fejn jgħixu. Nitolbu.
- Saċerdot etern, sieħeb fil-liturġija tas-sema lil dawk kollha li fuq l-art tajthom sehem mis-saċerdozju tiegħek permezz tal-Ordni Sagri. Nitolbu.
- Ragħaj tajjeb tagħna, mexxi lejn il-mergħat ta' dejjem lil dawk li ntilfu matul it-triq sabiex fil-laqgħa miegħek iġeddu l-għażla tiegħek fuq kollox. Nitolbu.
- Mgħallem ħanin, daħħal fit-tgawdija eterna lil tant persuni li bil-kliem, bit-tagħlim, bl-imħabba, u bix-xhieda tagħhom sirna nafuk u tgħallimna nħobbuk. Nitolbu.
- Ġesù ta' qalb ħelwa u umli, farraġ u xxotta d-dmugħ ta' dawk kollha li qegħdin jibku t-telfa ta' xi ħadd għażiż għalihom. Nitolbu.

Ilqa' nitolbuk, Mulej Ġesù, dan it-talb tagħna għal ħutna l-mejtin kollha sabiex, kif bil-magħmudija seħibthom fil-mewt tiegħek, hekk ukoll fik u bħalek jirxuxtaw għall-ħajja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali